MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 30/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Ramon Mercieca**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**V**

**STEPHEN GALLI**
**VICTORIA EBEJER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN GALLI** ta' sebgha w tletin sena bin John u Carmen nee Ellul imwieled Washington l-Istati Uniti tal-Amerika nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu 1964 u residenti 79, Triq San Girgor, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 13884A u **VICTORIA EBEJER** ta' sitta w ghoxrin sena mart Stephen, bint Harry u Josephine nee Borg, imwielda Pieta nhar l-ghaxra ta' Frar 1976 u residenti 78, "Il-Karmnu", Triq il-Kbira, San Giljan,

detentrici tal-karta tal-identita numru 235976M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli **Stephen Galli u Victoria Ebejer,** fit-tmienja ta' Mejju 2002 fil-Belt Valletta ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, ikkommettew serq ta' somma flus li teccedi l-mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Diane Xuereb u l-banek kummercjali Bank of Valletta kif wkoll HSBC, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

2. Talli **Victoria Ebejer wahedha**, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew f'tibdil fi skrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obblligi, jew billi dahhlet dawn il-parttijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew ksritturi wara li gew iffurmati, inkellha billi izzid jew tbiddel, klawsoli, dikjarazzjonjijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jkollhom fihom;

3. Lil **Victoria Ebejer wahedha** talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

4. Talli **Victoria Ebejer wahedha** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel li titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika u/jew bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qliegh bi hsara ta' haddiehor;

5. Talli **Victoria Ebejer wahedha** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'qerq, ghamlet qliegh bi hsara ta' haddiehor u cioe Diane Xuereb u/jew il-Bank of Valletta u l-HSBC;

6. Talli **Victoria Ebejer wahedha** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iffalsifikat cedola, polza, ordni

jew dokumenti ohra li meta jigu wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

7. **Lil Stephen Galli wahdu** talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fir-reati hawn fuq imsemmija billi xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-dellit fl-atti li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;

8. **Lil Stephen Galli u lil Victoria Ebejer** talli fl-istess data, hin u lok xjentement laqghu ghandhom tlett mobile phones, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

9. **Lil Stephen Galli wahdu** talli jinsab recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mhassra kif wkoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Novembru 2004 [fol 164] sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 [fol 167].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat Stephen Galli datata sittax ta' Marzu 1984 [fol 122], s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-erbatax ta' Lulju 2000 fil-konfront tal-

imputat Stephen Galli [fol 126], u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wkoll fil-konfront tal-imputat Stephen Galli datata ghaxra ta' Lulju 1984 [fol 129].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003 xehed **l-allura Spettur David Saliba** [fol 15] fejn qal li xi hmistax qabel ma xehed il-Qorti huwa gie moghti kopja ta' l-okkorrenza datata tmienja ta' Mejju 2002, fejn Diane Xuereb kienet ghamlet rapport li kienet tilfet il-portmoni taghha li fih kien hemm xi credit cards u dawn sussegwentement kienu gew intuzati fl-outlet tal-Vodafone li hemm vicin l-Qorti fl-Embassy Complex il-Belt Valletta stess. Huwa esibixxa din l-okkorrenza li giet mmarkata bhala dokument DS [fol 29]. Qal li l-Ufficjal li kien ghaddielu din l-istess okkorrenza kien ghaddielu wkoll envelopp kontenenti tlett ritratti li fihom jidrru l-imputati. F'wiehed mir-ritratti Victoria Ebejer tidher mal-counter tal-hanut Vodafone filwaqt li f'ritratt iehor tidher l-koppja Galli u Ebejer dehlin fl-istabbiliment Emabssy fl-istess hanut tal-Vodafone u fir-ritratt l-iehor tidher Victoria Ebejer li f'idejha ghandha basket abjad bil-logo tal-Vodafone. Dawn r-ritratt gew mmarkati bhala dokumenti DS 2, DS 3 u DS 4. Zied jghid li hu talab lil dan l-Ufficjal jispjiegalu x'kien gara u dan kien qallu li din il-koppja kienet marret fl-istabbiliment fejn xtraw tlett mobile phones li l-ammont taghhom kien jeccedi t-tlett mitt lira maltin. Qal li dan l-Ufficjal kien qallu li din il-koppja kienet ippresentat credit card tal-Bank of Valletta li sussegwentement l-ammont kien jeccedi l-kreditu fuq dik il-credit card li huwa ta' mitejn lira maltin u sussegwentement kienu gew mitlubha jhallsu l-kumplament b'cash. Qal li l-Ufficjal kien qallu wkoll li fil-fatt dawn kienu ppresentaw credit card tal-HSBC u x'hin din il-koppja giet biex tiffirma c-'chit' li tohrog mill-magna sabiex ikunu jistghu jiehdu l-affarijiet kien inqala battibekk bejn is-salesgirl u l-koppja fis-sens li Victoria Ebejer ma kienetx ffirmat firma li tikkorrispondi ma dik li kienet indikata fuq il-credit card u kienet giet mitluba taghti

spjiegazzjoni ghaliex il-firma kienet differenti u ma taqbilx u l-imputata Victoria Ebejer allegatament kienet irrispondietha li jekk tiffirma mitt darba, il-mitt darba kienet tkun differenti wahda minn ohra. Ix-xhud kompla jghid li l-Ufficjal kien qallu li hu kien talab lil tal-Vodafone sabiex jinhargu dawn r-ritratti u peress li x-xhud kien jaf tnejn mill-persuni ndikati f'dawn r-ritratti, hu kien baghat ghalihom. Dawn kienu l-istess imputati odjerni.

Wara li ta s-solita twissija fil-presenza ta' WPC 222 Abigail Cassar, lil Victoria Ebejer din irrilaxxjat l-istqarrija li esibixxa bhala dokument DS 5 [fol 31]. Huwa kkonferma l-firma tieghu kif wkoll ta' WPC 222 Abigail Cassar fuq din l-istqarrija filwaqt li zied jghid li Victoria Ebejer ghazlet li ma tiffirmahiex. Qal li sussegwentement hu kien tkellem wkoll ma zewgha Stephen Galli dakinhar stess, fejn wara li tah s-solita twissija fil-presenza ta' PS 336 Antoine Schembri, dan Stephen Galli kien **cahad l-involviment tieghu f'dan r-reat**. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija li rrilaxxja Stephen Galli li giet mmarkata bhala dokument DS 6 [fol 34]. Ix-xhud gharaf fuq din l-istqarrija kemm il-firma tieghu, dik tas-Surgent u zied jghid li l-imputat Stephen Galli kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Qal li hu kien wera r-ritratti lil imputati peress li jidhru fihom dehlin l-Embassy jixtru l-mobile phones.

Qal li kien tkellem wkoll mal-persuna li ghamlet r-rapport fuq il-portmoni u din kienet kkonfermatlu li kienet ghamlet rapport dwar il-portmoni li kellha nieqes peress li ma kienetx f'posizzjoni tghid jekk kienx intilfilha jew insterqilha u li l-credit cards kienu ntuzaw qabel ma hi ndunat li dawn kienu gew misruqa u kif indunat kienet mill-ewwel cemplet il-bank fejn giet infurmata li kienu gia ntuzaw il-credit cards taghha. Qal li xi hin l-imputat Stephen Galli wara kien talbu sabiex jkellmu sabiex ibiddel il-versjoni li kien ta fl-istqarrija li kien irrilaxxja qabel pero peress li kien fadal biss ghoxrin minuta sabiex jitressaq il-Qorti l-istqarrija ma setghetx titbiddel dak l-hin.

Kompla jghid li Stephen Galli kien qallu li kien veru li kienu akkwistaw zewg credit cards u fil-fatt kien semmielu lil

certu Jason Spiteri, maghruf bhala 'Id-Diddu' kien tahom dawk l-credit cards in kambju ghal xi flus biex dan Jason Spiteri ikun jista jakkwista d-droga u li kien jaf li Victoria Ebejer kienet akkwistat dawk il-mobile phones. Zied jghid li Stephen Galli kien cahad mieghu li kienu xtraw tlett mobile phones izda kkonferma li kienu zewg mobile phones. Ix-xhud kompla jghid li meta hu wera r-ritratti lil Stephen Galli dan xorta baqa jinnega u jghidlu li dik kienet okkazzjoni ohra. Qal li hu kien ikkonferma li dawk r-ritratti kienu hargu mis-CCTV camera tal-istabbiliment Vodafone dakinhar stess meta sehh r-reat u ghalhekk ma kellux dubbju li kemm Stephen Galli kif wkoll Victoria Ebejer kienu l-persuni ndikati meta allegatament sar dak r-reat.

Zied jghid li hu kien ikkonferma ma sid l-credit cards in kwistjoni, l-ammont li kien gie debitat lil account taghha li kien fuq t-tlett mija u hamsa w sittin jew sitta w hamsin lira. Qal li anke Victoria Ebejer kienet avvicinatu qabel ma tressqet il-Qorti biex tichad dak allegat fil-konfront taghha pero fl-ahhar mumenti hi riedet tbiddel l-versjoni taghha biex tiskolpa lil Stephen Galli, zewgha. Qal li meta l-imputati kienu fil-kustodja tal-Pulizija kienu f'cellel separati u ghalhekk ma setghux jikkomunikaw bejniethom.

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003 xehed **PS 336 Antoine Schembri** [fol 37] li kkonferma li l-istqarrijiet markati bhala dokumenti DS 5 [fol 31] ta' Victoria Ebejer u DS 6 ta' Stephen Galli [fol 34] gew mehuda fil-presenza tieghu wara li z-zewg imputati, li gharaf presenti fl-awla, nghataw is-solita twissija. Ix-xhud gharaf fuq kull stqarrija l-firma tieghu u dik tal-allura Ispettur David Saliba filwaqt li qal li z-zewg imputati kienu ghazlu li ma jiffirmawx l-istqarrija rilaxxjata minnhom.

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003 xehdet **Diane Xuereb** [fol 39] li kkonfermat li nhar t-tmienja ta' Mejju 2002 hija kienet ghamlet rapport l-Ghassa l-Imsida li kienet sabet l-wallet taghha nieqes. Qalet li hija dakinhar filghodu kienet harget ghax-xoghol fejn hi tahdem ma certu Charles Grech bhala sales representative w imbaghad filghaxija, meta giet biex tohrog, kienet innutat li dan il-wallet kien nieqes. Qalet li s-soltu dan il-wallet hi

kienet izzommu f'basket fil-briefcase taghha. Qalet li f'dan l-wallet, li hija qatt ma sabet, kellha quickcash card, cashlink, l-karta tal-identita taghha, u xi ricevuti u karti. Qalet li hi ndunat li dan il-wallet taghha kien gie misruq peress li meta cemplet lil Bank of Valletta u lil HSBC biex taghmel rapport dwar l-ghejbien tal-cards, giet mgharrfa minnhom li l-cards kienu gia gew uszati. Qalet li ghalhekk marret il-hanut l-Belt biex tara jekk hemmx closed circuit camera u kienet lucky bizzejjed li kellhom. Qalet li ghalhekk marret taghmel rapport l-ewwel l-Ghassa l-Belt, wara li marret l-Belt qalulha li kellha taghmlu l-Ghasssa l-Imsida u wara regghu baghtuha l-Ghassa l-Belt fejn spiccat ghamlet r-rapport. Qalet li l-ghada filghodu regghet marret l-Ghassa biex tara kienx hemm xi zviluppi, peress li kienu naqsulha erbgha mitt lira u marret mas-Surgent l-hanut tal-Vodfone fejn spiccat qattet nofs ta' nhar tara r-ritratti. Qalet li hi rat l-firem li ma kienux taghha u halliet kollox f'idejn il-Pulizija. Ix-xhud kompliet tghid li mill-Vodafone kienu nfurmawha li kienu ntuzaw l-credit cards taghha. Qalet li uzaw dik tal-Bank of Valletta fejn il-credit limit taghha kien ta' mitejn lira kuljum, u mill-quick cash. Qalet li l-valur tal-mobile ma kienx ta' mitejn lira izda kien aktar u ghalhekk uzaw l-quickcash. Qalet li hi giet debited mill-account taghha s-somma ta' cirka tlett mija tmienja w sebghin lira maltin, pero hi l-flus hadithom lura mill-bank. Qalet li jekk mhux sejra zball mill-Vodafone kienu qalulha li kienu gew mixtrija zewg mobile phones Siemens. Mistoqsija jekk tafx lil imputati ix-xhud wiegbet li ma kienetx tafhom u li qatt ma kienet rathom. Mistoqsija jekk kienetx s-salesgirl tal-Vodafone li kienet qaltilha li kienu nxtraw zewg mobile phones x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li dakinhar tal-incident hi kienet halliet l-cards fil-wallet li kienu jew fil-brief case jew fil-but taghha. Qalet li l-briefcase hi zzommu fil-karozza. Mistoqsija jekk il-karozza ghalqithiex, ix-xhud wiegbet li dakinahr kienet ghalqitha u li fil-karozza hi ma kienet sabet ebda sgass. Qalet li mill-briefcase kellha wkoll cheque book li kienet sabitu. Qalet li dakinhar filghaxija meta fittxet, hi sabet kollox minbarra l-wallet.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 xehed **Paul Gambina** [fol 56] in rappresentanza tal-Bank of Valletta.

Ix-xhud esibixxi kopja tal-istatement ta' Diane Xuereb, ghal perjodu bejn April u Gunju 2002 li giet mmarkata bhala dokument DS 7 [fol 58] u qal li mit-tieni pagna ta' dan d-dokument nhar d-disgha ta' Mejju 2002 saret transaction fl-istabbiliment Vodafone fl-ammont ta' mija hamsa w hamsin lira maltin li gew addebitati lil Diane Xuereb.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 xehed **Paul Mangani** [fol 61] in rappresentanza tal-HSBC Company Limited. Huwa esbixxa kopja tat-transazzjoni li ntuzat bil-card quickcash f'isem Diane Xuereb nhar t-tmienja ta' Mejju 2002 mill-Vodafone, Embassy Complex, il-Belt, li giet mmarkata bhala dokument DS 8 [fol 63]. Qal li Diane Xuereb kienet giet debitata b'dak l-ammont muri fid-dokument DS 8 u cioe mija tmienja w sittin lira maltin u hi kienet ghamlet rapport li l-card taghha kienet giet misruqa nhar t-tmienja ta' Mejju 2002. Ix-xhud esibixxa wkoll bhala dokument DS 9 [fol 64] kopja tal-istatement tat-transazzjoni.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 xehdet **WPC 222 Abigail Cassar** [fol 66] li kkonfermat li l-istqarrija markati bhala dokumenti DS 5 [fol 31] ta' Victoria Ebejer mehuda fil-presenza taghha, li gharfet presenti fl-awla, wara li nghatat is-solita twissija mill-allura Ispettur David Saliba. Ix-xhud gharfet fuq l-istqarrija l-firma taghha, ta' PS 336 Antoine Schembri li kien presenti dakinhar u dik tal-allura Ispettur David Saliba. Ix-xhud gharfet lil imputata presenti fl-awla bhala l-istess persuna li rrilaxxjat l-istqarrija in kwistjoni.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 xehed **PS 1136 Fabian Fleri** [fol 68] u qal li dakinhar tat-tmienja ta' Mejju 2002 hu kien presenti fl-Ghassa tal-Pulizija l-Imsida meta kienet marret certa Diane Xuereb taghmel rapport li bejn s-siegha ta' wara nofsinhar w s-sitta w nofs ta' filghaxija kienet tilfet il-wallet taghha ta' kulur kannella li kien fih l-karta tal-identita taghha, l-licenzja tal-karozza kif wkoll tlett credit cards Bank of Valletta Cashlink, HSBC Quickcash u Mastercard probabbilment x'imkien fi Triq Testaferrata. Qal li x'hin indunat ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija

kienet cemplet biex taghmel stop payment fuq il-credit cards u xi hadd mill-HSBC kien infurmaha li xi persuna kienet ippruvat taghmel transazzjoni ta' tlett mija tlieta w ghoxrin lira minn go hanut Vodafone fil-kumpless Embassy fil-Belt Valletta. Qal li peress li din t-transazzjoni kienet ta' aktar minn mitejn lira m'ghaddietx u saret transazzjoni ohra ta' mija hamsa w hamsin lira maltin mill-Bank of Valletta Cashlink u transazzjoni ohra ta' mija tmienja w sittin lira maltin minn HSBC Quickcash li t-tnejn jammontaw ghal tlett mija tlieta w ghoxrin lira maltin. Qal li Diane Xuereb kienet qaltlu li kienet ppruvat tmur f'dak l-hanut izda sabitu maghluq. Ix-xhud qal li hu ghamel rapport l-Ghassa l-Belt u qalilha biex tmur l-Ghassa l-ghada biex tinzel flimkien mas-Surgent fil-hanut biex tikkonferma li l-imputati kienu xtraw dawk l-oggetti minn hemmhekk.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 xehed **PS 928 Ramon Mifsud** [fol 72] li qal li f'Mejju 2002 kien dahal rapport ghandu minghand Diane Xuereb li kienet tilfet l-wallet taghha fl-Imsida u malli marret taghmel kancellament tal-credit cards taghha nfurmawha li kienu saru xi transazzjonijiet bil-cashlink u bl-HSBC card taghha fil-hanut Vodafone mill-Embassy Complex tal-Belt Valletta. Qal li hu mar fl-Embassy Complex u meta tkellem ma certa Melanie din qaltlu li fil-hanut kellhom l-cameras u li bihom setghet taghtih l-informazzjoni li kellu bzonn ghal investigazzjoni. Qal li nfurmawha li t-transazzjoni li saret kienet ta' mija tmienja w sittin lira maltin mill-cashlink card u mija hamsa w hamsin lira maltin mill-HSBC card. Qal li minn hemmhekk hu eleva xi ritratti mill-video computer taghhom. Qal li xi sitt xhur wara meta kien l-Ghassa kienu nsterqu xi gizirajjen mill-Classic Jewellers ta' Strada Merkanti u peress li kien Surgent tal-ghassa, u l-kaz kien gie solvut, kif kien tela jixhed, gharaf lil imputati li kien hemm quddiemu dakinhar bhala l-istess persuni li kien ra fir-ritratti li kien ra qabel w informa lil allura Ispettur David Saliba bihom u komplew minn hemmhekk bl-investigazzjoni. Huwa kkonferma li r-ritratti li kien ra dakinhar huma l-istess ritratti li jinsabu esbiti fl-atti a fol 30.

Illi nhar l-erbatax ta' Mejju 2003 xehed **l-Ispettur Ramon Mercieca** [fol 78] li nhar t-tmienja a' Mejju 2002 ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida PS 1136 Fabian Fleri kien ircieva rapport minghand Diane Xuereb li toqghod l-Imsida li bejn is-siegha w is-sitta u nofs ta' filghaxija kienet tilfet l-wallet taghha x'imkien l-Imsida li fih kellha credit cards u xi affarijiet ohra. F'dan r-rapport hi kienet allegat wkoll li kienet infurmat lil banek rispettivi sabiex jimblukkawlha l-uzu tal-istess cards. Qal li wara hija giet infurmata mill-HSBC li xi persuni kienu ppruvaw jaghmlu uzu mill-Quickcash taghha u ppruvaw jigbdu s-somma ta' tlett mija u tlieta w ghoxrin lira maltin pero peress li mill-card setghu biss jingibdu mitejn lira dik t-transazzjoni kienet giet maqsuma fi tnejn fejn ingibdu mija hamsa w hamsin mill-card tal-Bank of Valletta u mija tmienja w sittin lira mill-card tal-HSBC, liema cards kienu proprjeta ta' Diane Xuereb. Ix-xhud kompla jghid li peress li din t-transazzjoni saret mill-Vodafone tal-Embassy Complex il-Belt Valletta, u dak il-hin dan il-hanut kien lahaq ghalaq, l-ghada, PS 128 Ramon Mifsud Grech mar fl-imsemmi hanut biex jinvestiga dan il-kaz. Qal li minn aktar investigazzjoni ma Melanie Cremona li tiehu hsieb l-ufficju tal-Vodafone rrizulta li hemm installata camera fl-istess hanut u fuq il-filmat ta' din l-istess camera rrizulta li kienu jidhru zewg persuni jaghmlu uzu minn dawn il-cards. Ghalhekk gew printjati ritratti minn fuq dan il-filmat [fol 83] li meta gew murija lilu kkonferma li z-zewg persuni li jidhru fihom huma l-istess zewg imputati presenti fl-awla. Zied jghid li nhar s-sebgha ta' Jannar 2003 waqt li kien fil-kuridur tal-Qorti nnota zewg persuni li mill-ewwel ftakar li kien rahom fir-ritratti a fol 83 li kienu nvoluti fir-reat li sehh nhar t-tmienja ta' Mejju 2002. Qal li minn aktar stharrig li hu ghamel rrizultalu li dawn iz-zewg persuni kienu ghaddejjin proceduri kriminali fejn l-Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri kien l-allura Spettur David Saliba u ghalhekk gharraf lil istess ex spettur b'dak li kien rrizultalu. Qal li minn aktar stharrig mal-istess ex Spettur David Saliba wasal ghal konkluzzjoni li dawk t-tnejn minn nies kienu ghamlu uzu mill-cards ta' Diane Xuereb. Ix-xhud kompla jghid li minn aktar stharrig ma Charmain Gauci li tahdem bhala salesgirl fil-hanut Vodafone fl-Embassy Complex il-

Belt Valletta, dawk t-tnejn minn nies kienu ffirmaw fuq il-credit cards u hi kienet gibditilhom l-attenzjoni li l-firma li ghamlu huma ma kienetx taqbel u li **t-tnejn li huma kienu wegbuha li huma mhux dejjem jiffirmaw l-istess**.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehdet **Melanie Cremona** [fol 152] li hija tahdem mal-agenzija Vodafone fil-kumpless Embassy fil-Belt Valletta u li kien ilha tahdem hemm mit-tmienja ta' Mejju 2002. Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk tiftakarx li kienu baghtu ghaliha l-Pulizija rigward investigazzjoni x-xhud stqarret li tiftakar li kienu baghtu ghaliha u li hija kienet infurmathom li kien hemm **persuna** li kienet xtrat tlett mobile phones b'credit card li fil-fehma taghha dik il-credit card ma kienetx ta' dik l-istess persuna. Mistoqsija jekk l-hanut fejn tahdem hemmx installata CCTV camera x-xhud wiegbet fl-affermattiv u ziedet tghid li l-ufficju tar-risorzi umani tal-agenzija taghhom kienu baghtu r-ritratti relatati mal-kaz lil Pulizija. Mistoqsija jekk t-transazzjoni in kwistjoni ghax-xiri tal-mobile sehhitx, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk s-socjeta Vodafone sofrietx xi danni waqt din t-transazzjoni, ix-xhud wiegbet li ma kienetx f'posizzjoni tikkonferma dan. Meta x-xhud giet murija t-tlett ritratti esbiti a fol 83, ix-xhud kkonfermat li dawk r-ritratti kienu gew mehuda mill-camera li hemm installata fil-hanut fejn tahdem hi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2004 xehdet **Charmaine Cauchi** [fol 161] li hija ghamlet perjodu fis-sena 2001 tahdem mal-agenzija Vodafone u darba minnhom kienu gew l-imputati, li gharfet presenti fl-awla, bhala klijenti u xtaqu jixtru xi mobile phones u effettivament xtraw. Qalet li dawn **t-tnejn minn nies** kienu ghaddewlha credit card u meta gew biex jiffirmaw t-ticket, indunat li l-firma fuq il-credit card ma kienetx taqbel ma dik fuq t-ticket u ghalhekk talbithom l-karta tal-identita taghhom, pero huma ma kienux tawha ebda karta tal-identita taghhom. Mistoqsija jekk kienx hemm aktar minn credit card wahda x-xhud wiegbet fl-affermattiv pero ma kienetx f'posizzjoni tghid f'isem min kienet l-credit card. **Ziedet tghid li kienet l-imputata Victoria Ebejer li ppresentat l-credit card sabiex isir il-hlas filwaqt li l-**

**imputat Stephen Galli kien barra l-hanut waqt li kienet qed ssir t-transazzjoni**. Ix-xhud ma kienetx f'possizzjoni li tiftakar jekk l-imputat Stephen Galli kienx presenti waqt li hi kienet qed turihom l-mobile phones in kwistjoni. Meta x-xhud giet murija t-tlett ritratti [fol 83] hija kkonfermat li fir-ritratti jidher il-hanut fejn tahdem hi u ziedet tghid li f'ritratt minnhom jidhru l-imputati hergin mill-hanut flimkien wara li kienet saret t-transazzjoni in kwistjoni. Ziedet tghid li z-zewg imputati ma kienux l-hin kollu flimkien fil-hanut, kienu dehlin u hergin.

Illi nhar d-disgha ta' Frar 2004 xehdet **l-Probation Officer Marietta Lanzon** [fol 120] li qalet li hija kienet qed issegwi liz-zewg imputati. Qalet li t-tnejn kienu fi-bidu jmorru jaraw l-agenzija Caritas pero kien gie deciz li Victoria Ebejer tibqa mal-Caritas filwaqt li Stephen Gali jibda ma agenzija ohra. Qalet li t-tnejn li huma qed jihdu trattament ghal methadone u li Stephen Galli kien qed jiehu wkoll trattament psikjartiku waqt li Victora Ebejer kienet ser tidhol Dar l-Impenn biex tibda total detoxification peress li kien difficili ghaliha li taghmel dan il-process minn barra wahedha. Qalet li sussegwentement Stephen Galli kellu jibda jaghmel counselling mal-agenzija Sedqa ghaliex b'hekk jkollu mohhu mistireh li hija bdiet il-programm.

Illi nhar s-sittax ta' Marzu 2005 xehed l-imputat **Stephen Galli** [fol 173] li qal li dak z-zmien tal-allegat reat hu kien qed jghix l-Belt Valletta u ftakar li darba minnhom hu, flimkien mal-mara tieghu Victoria w ibnu kienu marru f'kumpless fil-Belt Valletta u t-tifel taghhom mar jilghab fis-sular ta' fuq u martu Victoria dahlet f'hanut tal-Vodafone peress li xtaqet tixtri mobile phone. Qal li hu staqsiha kif kienet ser tixtri mobile phone peress li hu ma kienx jhalliha tuza l-flus li jaghtiha fix-xahar ghal dan l-iskop u hija wrietu zewg credit cards. Qal li hu mill-ewwel staqsiha x'kienet ser taghmel bihom u zied jghidilha li hu ma riedtx li jkollu x'jaqsam ma dak li kien bi hsiebha taghmel u talabha tohrog mill-hanut. Qal li sussegwentement hu sar jaf minn fejn kienet akkwistat dawk il-credit cards u cioe li xi hadd kien tahom lil martu l-imputata, liema credit cards kienu gew misruqa minn karozza. Qal li dan sar jafu minn martu Victoria Ebejer. Qal li hu kien staqsiha minn kienet din il-

persuna li kienet tatha l-credit cards u skopra li kien certu wiehed jghidulu d-'Diddu'. Qal li hu kien ra lil dan d-Diddu ihares bl-ikrah lejh, qabad lil ibnu u telaq 'l hemm. Qal li wara xi ghaxar minuti hu kien qal lil ibnu biex imur jsejjah lil Victoria Ebejer mill-hanut u wara ftit gew it-tnejn.

Qal li Victoria Ebejer kienet tbati minn attakki ta' puplesija u li dak iz-zmien kellhom wkoll problema ta' droga. Zied jghid li Victoria Ebejer kienet qed tbati minn 'osteoporosis' u li fis-sena 1999 kienet ghamlet xi operazzjoni. Qal li martu kellha problema bil-'Harrington rod' w ghalhekk kienet tkun mugugha hafna u tiehu hafna pilloli u spiccat bi problema ta' droga sabiex ittaffi l-ugigh. Qal li hu kellu mpjieg l-Amerika pero kien ilu ma jahdem ghal dawn l-ahhar erbgha snin meta kien Malta. Qal li fil-present kien ilu *clean* ghal dawn l-ahhar tmien xhur. Qal li martu kienet spiccat il-habs ghal erbgha xhur u minn dakinhar ma baqghetx tiddependi mid-droga.

Illi nhar s-sittax ta' Marzu 2005 xehdet l-imputata **Victoria Ebejer** [fol 171] li kkonfermat dak li xehed r-ragel taghha l-imputat Stephen Galli. Qalet li zewgha sar jaf bil-credit cards li kellha meta kienu fil-hanut u li l-persuna li kienet tathomlha kien Jason Spiteri imlaqqam d-'Diddu'. Qalet li dak li qal zewgha fuq l-istat ta' sahha taghha kien il-verita. Ziedet tghid li llum il-gurnata hi m'ghadhiex tiddependi mid-droga. Mistoqsija ghaliex ma kienetx qalet dan kollu lil Ufficjal Investigattiv ix-xhud wiegbet li kienet bezghet tghidlu. Qalet li meta tressqu l-ewwel darba l-Qorti hi riedet tghidlu dak kollu pero hu kien qalilha li kien tard wisq u fil-fatt kienet ghamlet tlett gimghat l-habs. Mistoqsija kif uzat il-credit card x-xhud wiegbet li hi kienet talbet lil kaxxiera biex tixtri mobile phone, il-kaxxier ghaddiet il-card fil-magna u hi ffirmat ghaliha. Qalet li dakinhar hi kienet uzat zewg credit cards pero f'wahda minnhom ma kienx hemm bizzejjed credit. Qalet li waqt din t-transazzjoni zewgha ma kienx hdejha. Spjegat li f'ritratt hi tidher hierga mil-hanut wahedha bil-mobile phone f'idejha, u fir-ritratt li qeghdin flimkien u hi tidher bil-basket, kien il-hin li zewgha kien qalilha biex tohrog mill-hanut in kwistjoni, Mistoqsija x'sar miz-zewg mobile

phone ix-xhud wiegbet li wiehed hadu d-Diddu u l-iehor kienet bieghitu hi.

Il-Qorti esaminat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputati bhala dokumenti DS 5 u DS 6 a fol 31 et seq tal-atti nhar t-tnax ta' Jannar 2003 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat Stephen Galli, ghalkemm rinfaccjat b'ritratt taghhom mehud fl-istabbiliment Vodafone, cahad li kien xtara xi mobile phone filwaqt li Victoria Ebejer kienet evasiva fir-risposti taghha, Stephen Galli cahad b'mod kategoriku l-allegazzjoni li kienu qed isiru fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li l-imputata Victoria Ebejer marret tixtri xi mobile phones permezz ta' credit cards proprjeta ta' Diane Xuereb u dan nhar t-tmienja ta' Mejju 2002 mill-istabbiliment Vodafone ghas-somma li teccedi l-mitt lira maltin.  Illi pero l-Prosekuzzjoni qed tghid li l-imputat Stephen Galli huwa komplici maghha f'dan r-reat.

Illi l-imputata ma tghid xejn fix-xhieda taghha ta' kif ottjeniet il-credit cards in kwistjoni li ammettiet li uzat fl-istabbiliment Vodafone, ghalkemm jirrizulta li Diane Xuereb kellha l-wallet taghha fil-briefcase taghha fil-karozza l-Imsida dakinhar stess li gew uzati minn Victoria Ebejer wara nofsinhar.  Illi ghalkemm ghazlet li tixhed hija ma cahditx dak li qalet il-Pulizija dwarha.

Jigi rilevat dak li qal l-ko-akkuzat zewgha Stephen Galli fil-konfront taghha ta' kif gew ghandha l-credit cards ma jikkostitwixxi ebda prova ghaliex dak li jghid akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat ma jikkostitwix prova jekk ma jkunx korroborat minn xi prova jew xhud indipendenti u f'dan r-rigward ma jidhirx li tali xhieda hija korroborata.

Illi ghalhekk jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-imputata Victoria Ebejer kellha l-credit cards ta' Diane Xuereb u wzathom ghal beneficcju taghha.

Illi l-imputat Stephen Galli jichad li huwa ppartecipa f'xi reat li fih hadet sehem martu l-ko-akkuzata.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu jghid li fl-ebda hin ma xtara xi mobile phone jew li kien presenti mal-mara meta hija ippresentat xi credit cards ghax-xiri ta' mobile phone. Mistoqsi jekk hux minnu li kien presenti fil-hanut ma martu Victoria Ebejer meta xtrat il-mobile phones huwa jichad b'mod kategoriku li kien presenti jew li qal kliem fis-sens li *her signature differs sometimes*, meta is-salesgirl tal-hanut ikkummentat li l-firma ta' Victoria Ebejer kienet differenti minn dik ezistenti fuq il-credit cards li ppresentat.

Viva voce l-Qorti nhar s-sittax ta' Marzu 2005 l-imputat jichad li kien presenti ma martu meta xtrat l-mobile phone in kwistjoni.  Anzi jghid li qalilha li ma ridtx li jkollu x'jaqsam max-xiri taghhom meta hija wrietu xi credit cards li kellha f'idejha.  Qal li huwa ma kienx hdejn martu meta ghamlet l-allegati transazzjonijiet izda kien barra l-hanut ma ibnu z-zghir u fil-fatt kien baghat lil ibnu z-zghir jghajjat lil ommu ghaliex ried jitlaq 'l hemm.  It-tifel gie lura u martu harget warajh.  Ftit wara allegatament tatha xi puplesija.

Charmaine Cauchi s-salesgirl li kienet fil-hanut waqt t-transazzjoni tghid li kienu z-zewg imputati li dahlu fil-hanut u talbu li jaraw xi mobile phones.  Qalet li kienu t-tnejn li ghaddewlha credit cards u meta Victoria Ebejer giet sabiex tiffirma ic-chit, innnutat li l-firma taghha kienet differenti minn dik ta' fuq il-credit cards.  **Qalet b'mod kategoriku li waqt li kienet qed issir it-transazzjoni, l-imputat Stephen Galli kien barra il-hanut.** Mistoqsija jekk Stephen Galli kienx presenti meta hi bdiet turi l-mobile phones, ix-xhud wiegbet li ma tafx.  Qalet wkoll li fil-hanut l-imputati ma kienux flimkien il-hin kollu.

Illi l-impjegata tal-Vodafone li xehdet f'dawn il-proceduri u cioe Melanie Cremona ma tghid xejn fuq t-transazzjoni per se izda ikkonfermat li saret.  Ma qalet xejn dwar jekk l-imputati kienux fil-hanut flimkien jew wahedhom, jew jekk kienux it-tnejn li xtraw il-mobile phones jew b'mod separat u ghalhekk ix-xhieda taghha ma hiex daqstant relevanti ai fini ta' din il-prova.

Illi r-ritratti esibitri juru lil imputata Victoria Ebejer hierga mill-hanut wahedha meta xtrat il-mobile phones u anke tinnegozja mal-counter wahedha.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat Stephen Galli kien jaf b'dak li kienet qed taghmel l-mara u cioe li kienet ser tixtri xi mobile phones b'xi credit cards li ma kienux taghha u fil-fatt qaghad jistenniha barra.

Issa jekk tali cirkostanza tammontax ghal komplicita passiva, huwa l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti.

L-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li persuna ghandha titqies komplici f'delitt u cioe jekk:

a. tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel d-delitt, jew
b. tkun gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid maniggi jew ghemil qarrieqi, nkellha b'abbuz ta' awtorita jew setgha, inkellha li tkun tat struzzjonijiet biex isir d-delitt, jew
c. tkun tat armi, ghodda jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li kellhom hekk jigu wzati, jew
d. ghad li ma tkunx wahda mill-ersuni imsemmija fil-paragrafi (a)(b) u (c) b'xi mod li jkun, xjentement tkun ghenet jew assistiet lil awtur jew lil awturi tad-delitt fl-atti li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, jew
e. tkun xewxet lil haddiehor inkellha sahhet il-volunta tieghu sabiex jaghmel d-delit, jew weghdet li wara l-fatti, tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah."

Illi ma jidhirx li l-agir tal-imputat Stephen Gali jaqa taht xi wiehed minn dawn s-subartikoli tal-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tikkonsidrah komplici f'dan r-reat.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imptata Victoria Ebejer esibita fl-atti a fol 28 li minnha jirrizulta li hija wahda

indellibbli, minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk din il-Qorti ghandha tqis lil imputata bhala a first time offender meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 42, 43, 183, 184, 308, 309, 310, 167, 334, 289, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat STEPHEN GALLI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Fir-rigward tal-imputata VICTORIA EBEJER il-Qorti tiddikjara li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghha** u tiddecidi li **tpoggiha taht ordni ta' Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Tordna li l-probationer Victoria Ebejer tingieb quddiem din l-Qorti darba kull sitt xhur flimkien mal-Ufficjal tal-Probation nominat u li l-istess probationer izzomm l-boghod mill-abbuz tad-droga u fil-fattt tattira l-atenzjoni tal-Ufficjal tal-Probation dwar din il-problema li Victoria Ebejer kellha sa ftit zmien ilu.

L-imputata probationer Victoria Ebejer ghandha zzomm kuntatt regolari mal-Ufficjal tal-Probation u taghmel dak kollu mitlub minnha billi ssegwi l-ordnijiet li jigu moghtija lilha minn zmien ghal zmien u dan fl-interess taghha.

Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Diretur tal-Probation sabiex jigi nominat Ufficjal tal-Probation idejali f'dan il-kaz.

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputata Victoria Ebejer u x'jigri jekk hija tonqos li tosservha.**

**L-imputata Victoria Ebejer tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza moghtija fil-konfront taghha llum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------